

II

(Atti mhux leġiżlattivi)

FTEHIMIET INTERNAZZJONALI

Avviż dwar l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim ta' Sħubija Strateġika bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Ġappun, min-naħa l-oħra ⁽¹⁾

L-Unjoni Ewropea u l-Ġappun avżaw lil xulxin dwar it-tlestija tal-proċeduri meħtieġa għall-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim ta' Sħubija Strateġika bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Ġappun, min-naħa l-oħra, fil-21 ta' Diċembru 2018. Konsegwentement, il-Ġappun u l-Unjoni jistgħu japplikaw b'mod proviżorju dispożizzjonijiet determinati reċiprokament tal-Ftehim f'konformità mal-(Art. 47(2)) sa mill-1 ta' Frar 2019.

Bis-saħħa tal-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2018/1197 tas-26 ta' Ġunju 2018 dwar l-iffirmar, fisem l-Unjoni Ewropea, u l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim ta' Sħubija Strateġika, il-partijiet li ġejjin tal-Ftehim għandhom jiġu applikati b'mod proviżorju bejn l-Unjoni u l-Ġappun:

- (a) l-Artikoli 11, 12, 14, 16, 18, 20, 25, 28, 40 u 41;
- (b) l-Artikoli 13, 15 (bl-eċċezzjoni tal-punt (b) tal-paragrafu 2), 17, 21, 22, 23, 24, 26, 27, 29, 30, 31 u 37, l-Artikolu 38(1) u l-Artikolu 39 sa fejn dawn ikopru kwistjonijiet li għalihom l-Unjoni diġà eżerċitat il-kompetenza tagħha internament;
- (c) l-Artikoli 1, 2, 3, 4, 5(1) sa fejn dawn ikopru kwistjonijiet li jaqgħu taħt il-kompetenza tal-Unjoni fir-rigward tad-definizzjoni u l-implimentazzjoni ta' politika estera u ta' sigurtà komuni;
- (d) l-Artikoli 42 (bl-eċċezzjoni tal-punt (c) tal-paragrafu 2), l-Artikoli 43 sa 47, l-Artikolu 48(3) u l-Artikoli 49, 50 u 51 sa fejn dawn id-dispożizzjonijiet huma limitati għall-fini li jiżguraw l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim.

⁽¹⁾ ĠUL 216, 24.8.2018, p. 4.